

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 282, 24.9.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Jannar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Haarlem — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Hewlett-Packard Europe BV vs Inspecteur van de Belastingdienst/Douane West, kantoor Hoofddorp**

(Kawża C-361/11) (<sup>1</sup>)

*(“Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Klassifika tat-tariffi — Printers multifunzjonali magħmula minn assemblaġġ ta' modulu ta' stampar permezz tal-lażer u ta' modulu ta' skennjar, b'funzjoni ta' kopjatur — Subintestatura 8443 31 91 — Validità tar-Regolament (KE) Nru 1031/2008”)*

(2013/C 63/06)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Qorti tar-rinviju

Rechtbank Haarlem

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hewlett-Packard Europe BV

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst/Douane West, kantoor Hoofddorp

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank Haarlem — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja ta' printers multifunzjonali magħmula minn assemblaġġ ta' tliet moduli (printer, scanner, photocopier) — Klassifikazzjoni, qabel l-1 ta' Jannar 2007, fis-subintestatura 8471 60 20 tan-Nomenklatura Magħquda, liema klassifikazzjoni tippermetti l-eżenzjoni ta' dawn il-printers mid-dazji doganali, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-11 ta' Diċembru 2008, fil-Kawża magħquda C-362/07 u C-363/07, Kip Europe (Ġabra p. I-9489) — Validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU L 291, p. 1)

#### Dispożittiv

L-eżami tad-domandi preliminari ma wera l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, sa fejn dan jikklassifika fis-subintestatura 8443 31 91 tan-Nomenklatura Magħquda li tidher fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2000, tal-31 ta' Jannar 2000, printers multifunzjonali,

bħal dawk li huma s-suġġett fil-kawża prinċipali, magħmula mill-assemblaġġ ta' modulu ta' stampar permezz tal-lażer u ta' modulu ta' skennjar, b'funzjoni ta' kopjatur, rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fix-xahar ta' April 2009.

(<sup>1</sup>) ĠU C 282, 24.9.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Jannar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Woningstichting Maasdriel vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-543/11) (<sup>1</sup>)

*(“Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 135(1)(k), moqri flimkien mal-Artikolu 12(1) u (3) — Art mhux mibnija — Art għall-bini — Kunċetti — Xogħol ta' twaqqiġ għal skop ta' kostruzzjoni fil-futur — Eżenzjoni mill-VAT”)*

(2013/C 63/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Woningstichting Maasdriel

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(k), moqri flimkien mal-Artikolu 12(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Eżenzjonijiet previsti bid-direttiva — Trasferiment ta' art mhux mibnija

#### Dispożittiv

L-Artikolu 135(1)(k) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, moqri flimkien mal-Artikolu 12(1) u (3) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud prevista f'din l-ewwel dispożizzjoni ma tkoprix tranżazzjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali, ta' trasferiment ta' art li ma nbnetx wara t-twaqqiġ ta' bini li kien jinsab fuqha, anki fejn, fid-data ta' dan it-trasferiment, xogħlijiet ta' żvilupp tal-art minbarra l-imsemmi twaqqiġ ma kinux saru, kif jirriżulta minn evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi madwar din it-tranżazzjoni u prevalenti fid-data tat-trasferiment, inkluża l-intenzjoni tal-partijiet meta tkun sostnuta bi provi oġġettivi, li, f'din id-data, l-art inkwistjoni kienet effettivament intiża li tinbena, u li għandha tkun il-qorti tar-rinviju li tivverifika dan.

(<sup>1</sup>) ĠU C 25, 28.1.2012